Nru. 17,452
Prezz 80ċ
Price 80c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 1 ta' Awissu, 2003
Friday, 1st August, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 677

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. VIII ta' l-2003 imsejjaħ l-Att ta' l-2003 dwar il-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża.

L-1 ta' Awissu, 2003

GOVERNMENT NOTICES

No. 677

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. VIII of 2003 entitled the Malta Enterprise Corporation Act, 2003.

1st August, 2003

Nru. 678

AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali ħatar l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kif tidher hawn taħt:-

Chairperson
Dott. Joanna Drake, LL.D.

Viċi Chairperson
Is-Sur Frank Pullicino *(ex-ufficio)*

Membri
Is-Sur Emanuel Aquilina
Dott. Natasha Azzopardi Muscat, M.D.

No. 678

OCCUPATIONAL HEALTH AND SAFETY AUTHORITY

Occupational Health and Safety Authority Act (Cap. 424)

IN exercise of the powers conferred by section 8 of the Occupational Health and Safety Authority Act (Cap. 424), and for the purpose of that Act, the Deputy Prime Minister and Minister for Social Policy has appointed the Occupational Health and Safety Authority as shown hereunder:

Chairperson
Dr Joanna Drake, LL.D.

Deputy Chairperson
Mr Frank Pullicino (ex-ufficio)

Members
Mr Emanuel Aquilina
Dr Natasha Azzopardi Muscat, M.D.

Is-Sur Anthony Camilleri
Is-Sur Joseph Delia
Is-Sur Joseph M Gerada
Dott. Frank Laferla, M.D.
Is-Sur Saviour Sammut

Segretarju
Dott. Neil Falzon, LL.D.

Dawn il-ħatriet huma validi għal perijodu ta' sentejn b'seħħ mit-3 ta' Mejju 2003.

L-1 ta' Awissu, 2003

Mr Anthony Camilleri
Mr Joseph Delia
Mr Joseph M Gerada
Dr Frank Laferla, M.D.
Mr Saviour Sammut

Secretary
Dr Neil Falzon, LL.D.

These appointments are valid for a period of two years with effect from the 3rd May, 2003.

1st August, 2003

Nru. 679

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SOĊJETAJIET KOPERATTIVI (KAP. 442)

Bord tal-Koperattivi - Ħatra ta' Aġent *Chairman*

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-sub-artikolu (4) ta' artikolu 4 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperativi (Kap. 442), il-Viċi Prim Ministru u l-Ministru għall-Politika Soċjali ħatar, b'seħħ mis-16 ta' Lulju 2003, lis-Sur Mario Falzon, MBA, Dip. L.S., MIM, bħala aġent *Chairman* tal-Bord tal-Koperattivi.

L-Avviż li deher f'paġna 10,055 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Lulju 2003 hu b'dan imħassar.

L-1 ta' Awissu, 2003

No. 679

CO-OPERATIVE SOCIETIES ACT OF 2001 (CAP. 442)

Co-operatives Board - Appointment of Acting Chairman

IT is hereby notified for general information that, by the powers conferred by sub-article (4) of article 4 of the Co-operatives Societies Act of 2001 (Cap. 442), the Deputy Prime Minister and Minister for Social Policy has appointed Mr Mario Falzon, MBA, Dip. L.S., MIM, as acting Chairman of the Co-operatives Board with effect from the 16th July 2003.

The Notice published in page 10,055 in the Government Gazette dated 16th July 2003 is hereby repealed.

1st August, 2003

Nru. 680

ĦATRA TA' AĠENT KUMMISSJUNARJU ELETTORALI PRINĊIPALI

IS-SEGRETARJU Permanenti, Uffiċċju tal-Prim Ministru, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 680

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER

THE Permanent Secretary, Office of the Prime Minister, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr George Saliba	Kummissjunarju Elettorali Prinċipali *Chief Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	28.7.2003 to 1.8.2003

L-1 ta' Awissu, 2003

1st August, 2003

Nru. 681

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (EDUKAZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 681

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (EDUCATION)

THE Permanent Secretary, Ministry of Education, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Ms Joyce Pullicino	Direttur Ġenerali *Director General*	Edukazzjoni *Education*	14-30.7.2003

L-1 ta' Awissu, 2003

1st August, 2003

Nru. 682

ĦATRA TA' AĠENT SEGRETARJA, KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

IS-SEGRETARJU Permanenti, Uffiċċju tal-Prim Ministru, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 682

APPOINTMENT OF ACTING SECRETARY, PUBLIC SERVICE COMMISSION

THE Permanent Secretary, Office of the Prime Minister, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Ms Margaret Bonello	Segretarja *Secretary*	Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku *Public Service Commission*	1 to 14.8.2003

L-1 ta' Awissu, 2003

1st August, 2003

Nru. 683

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI TA' L-ARTIJIET

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 683

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR OF LAND

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Ms Margaret Falzon	Aġent Kummissjunarju ta' l-Artijiet *Acting Commissioner of Land*	Artijiet *Land*	1 - 12.9.2003

L-1 ta' Awissu, 2003

1st August, 2003

Nru. 684

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAPITOLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 684

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
25. 7. 03	Lm4.41c3	7c4
28. 7. 03	Lm4.41c5	7c3
29. 7. 03	Lm4.44c0	7c4
30. 7. 03	Lm4.44c1	7c4
31. 7. 03	Lm4.37c7	7c4

L-1 ta' Awissu, 2003

1st August, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 66

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu u jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat - Għawdex

Nhar is-Sibt, it-2 ta' Awissu, 2003, mis-6.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli u Pjazza Sabina.

Nhar il-Ħadd, it-3 ta' Awissu, 2003, mid-9.00 a.m. sa l-10.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: M.A. Refalo, Pjazza Indipendenza, it-Telgħa tal-Belt u l-Pjazza tal-Katidral.

Nhar it-Tnejn, il-11 ta' Awissu, 2003, mid-9.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Kapuċċini, Sir Luigi Camilleri, Mro. A. Lanzon, Patri M. Magri u l-parti ta' isfel tar-Repubblika.

POLICE NOTICE

No. 66

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Victoria - Gozo

On Saturday, 2nd August, 2003, from 6.30 p.m. through the following streets: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli and Pjazza Sabina.

On Sunday, 3rd August, 2003, from 9.00 a.m. to 10.00 a.m. through the following streets: M.A. Refalo, Pjazza Indipendenza, it-Telgħa tal-Belt and il-Pjazza tal-Katidral.

On Monday, 11th August, 2003, from 9.00 p.m. to midnight through the following streets: il-Kapuċċini, Sir Luigi Camilleri, Mro. A. Lanzon, Patri M. Magri and lower part of ir-Repubblika.

Nhar it-Tlieta, it-12 ta' Awissu, 2003, mis-6.00 p.m. sas-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Leonardu, Fortunato Mizzi, ir-Repubblika u Pjazza Savina.

Nhar it-Tlieta, it-12 ta' Awissu, 2003, mid-9.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Sir Adrian Dingli, Pjazza Sabina, Mons. Luigi Vella, Giardini Vella u Sant'Ursola.

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Awissu, 2003, mid-9.00 p.m. sas-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Vajringa, Pjazza San Franġisk, Palma u r-Repubblika.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Awissu, 2003, mill-10.00 a.m. sa nofsinhar mit-toroq li ġejjin: Pjazza tal-Katidral, it-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza u r-Repubblika.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Awissu, 2003, mill-5.00 p.m. sas-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, it-Telgħa tal-Belt u l-Pjazza tal-Katidral.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Awissu, 2003, mit-8.15 p.m. sad-9.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sir M. A. Refalo, Pjazza Indipendenza u r-Repubblika.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Awissu, 2003, mid-9.30 p.m. sas-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Sir A. Dingli u Pjazza Savina.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Awissu, 2003, mit-toroq li ġejjin: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, l-Arċipriet A. M. Hili, il-Karità, Pjazza San Ġorġ u San Ġużepp.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Awissu, 2003, mis-2.00 p.m. sas-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Leonardu, Fortunato Mizzi, ir-Repubblika u Pjazza Savina.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Awissu, 2003, mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza tal-Katidral, it-Telgħa tal-Belt, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, Pjazza Tomba, Vajringa, Pjazza San Franġisk, Palma, ir-Repubblika u l-Arċipriet Saver Cassar.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

On Tuesday, 12th August, 2003, from 6.00 p.m. to 7.00 p.m. through the following streets: San Leonardu, Fortunato Mizzi, ir-Repubblika and Pjazza Savina.

On Tuesday, 12th August, 2003, from 9.00 p.m. to midnight through the following streets: Sir Adrian Dingli, Pjazza Sabina, Mons. Luigi Vella, Giardini Vella and Sant'Ursola.

On Wednesday, 13th August, 2003, from 9.00 p.m. to 1.00 a.m. through the following streets: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Vajringa, Pjazza San Franġisk, Palma and ir-Repubblika.

On Thursday, 14th August, 2003, from 10.00 a.m. to noon through the following streets: Pjazza tal-Katidral, it-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza and ir-Repubblika.

On Thursday, 14th August, 2003, from 5.00 p.m. to 6.00 p.m. through the following streets: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, it-Telgħa tal-Belt and il-Pjazza tal-Katidral.

On Thursday, 14th August, 2003, from 8.15 p.m. to 9.30 p.m. through the following streets: Sir M. A. Refalo, Pjazza Indipendenza and ir-Repubblika.

On Thursday, 14th August, 2003, from 9.30 p.m. to 1.00 a.m. through the following streets: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Sir A. Dingli and Pjazza Savina.

On Friday, 15th August, 2003, through the following streets: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, l-Arċipriet A. M. Hili, il-Karità, Pjazza San Ġorġ and San Ġużepp.

On Friday, 15th August, 2003, from 2.00 p.m. to 6.00 p.m. through the following streets: San Leonardu, Fortunato Mizzi, ir-Repubblika and Pjazza Savina.

On Friday, 15th August, 2003, from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza tal-Katidral, it-Telgħa tal-Belt, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, Pjazza Tomba, Vajringa, Pjazza San Franġisk, Palma, ir-Repubblika and l-Arċipriet Saver Cassar.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Il-Birgu

Nhar il-Ħamis, is-7 ta' Awissu, 2003, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, Desain, il-Kardinal, Telgħat il-Mina l-Kbira u l-Mina l-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Awissu, 2003, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, Desain, il-Kardinal, San Lawrenz, Nestu Laviera, San Filippu, La Valette u l-Mina l-Kbira.

Nhar is-Sibt, id-9 ta' Awissu, 2003, mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Lawrenz, Nestu Laviera, Misraħ ir-Rebħa, il-Mina l-Kbira, it-Torri San Ġwann, il-Kwartier, Biswit il-Kwartier, Paċifiku Scicluna, Hilda Tabone, Santa Skolastikaa u San Filippu.

Nhar it-Tnejn, il-11 ta' Awissu, 2003, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, il-Mina l-Kbira, Nestu Laviera u San Lawrenz.

Hu pprojbit l-ipparkjar ta' vetturi fid-dati u l-ħinijiet fit-toroq imsemmija. Il-vetturi misjuba pparkjati jiġu rmunkati.

Ħ'Attard

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Awissu, 2003, mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Sant' Antnin, il-Mitħna, San Duminku u l-Mosta.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

L-1 ta' Awissu, 2003

Vittoriosa

On Thursday, 7th August, 2003, from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, Desain, il-Kardinal, Telgħat il-Mina l-Kbira and il-Mina l-Kbira.

On Friday, 8th August, 2003, from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, Desain, il-Kardinal, San Lawrenz, Nestu Laviera, San Filippu, La Vallette and il-Mina l-Kbira.

On Saturday, 9th August, 2003, from 8.00 a.m. onwards through the following streets: San Lawrenz, Nestu Laviera, Misraħ ir-Rebħa, il-Mina l-Kbira, it-Torri San Ġwann, il-Kwartier, Biswit il-Kwartier, Paċifiku Scicluna, Hilda Tabone, Santa Skolastika and San Filippu.

On Monday, 11th August, 2003 from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, il-Mina l-Kbira, Nestu Laviera and San Lawrenz.

Vehicles are not allowed to be parked on the dates and times at the indicated streets. Vehicles parked are subject to towing.

Attard

On Friday, 15th August, 2003, from 5.00 p.m. till 11.00 p.m.through the following streets: il-Kbira, Sant' Antnin, il-Mitħna, San Duminku and Mosta.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

1st August, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 45 ta' l-2003

Is-Sikka tal-Bajja tal-Mellieħa

B'riferenza għaċ-*Chart* Nru 211 – il-Bajja tal-Mellieħa – u l-Avviż ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta Nru 28 ta' l-2003, ngħarrfu illi l-arblu iżolat bid-dawl li jwissi dwar periklu, li jixgħel u jitfi *group two* li jinsab fuq is-sikka f'nofs il-bajja msemmija hawn fuq, fil-pożizzjoni:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 58'.31	14° 21'.52

reġa' twaħħal u reġa' nxtegħel.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 45 of 2003

Mellieħa Bay Reef

With reference to BA Chart No 211 – Mellieħa Bay – and to Malta Maritime Authority's Notice to Mariners No 28. of 2003, it is notified that the isolated danger light pole, flashing group two situated on the reef in the middle of the above-mentioned bay, in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 58'.31	14° 21'.52

has been re-instated and relit.

Is-*South Cardinal Buoy* temporanju msemmi fl-Avviż lill-Baħħara Nru. 28 ta' l-2003 maħruġ mill-Awtorità Marittima ta' Malta tneħħa.

Iċ-*Charts* effettwati: BA 211, 2537 u 2538.

L-1 ta' Awissu, 2003

The temporary South Cardinal Buoy mentioned in Malta Maritime Authority's Notice to Mariners No. 28 of 2003 has been removed.

Charts affected: BA 211, 2537 and 2538.

1st August, 2003

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' l-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda ta' Regola

Ordni Nru. 15

NGĦARRFU b'dan illi l-Artikolu numru 1(b) tal-"Mġarr Farmers' Co-operative Society Ltd." ġie emendat. Din l-emenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fit-18 ta' Lulju 2003, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 35 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001.

Is-Sur Mario Falzon
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

It-18 ta' Lulju, 2003
CB 34/79/6

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Rule

Order No. 15

IT is hereby notified that Article number 1(b) of "Mġarr Farmers' Co-operative Society Ltd." has been amended. The Co-operatives' Board has duly registered it on the 18th July 2003 in accordance with the provisions of section 35 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Mario Falzon
Chairperson
Central Office of Co-operatives

18th July, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Scientific Officer (Geologist)* fid-Dipartiment tat-Tiftix għaż-Żejt, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Scientific Officer (Geologist)* fid-Dipartiment tat-Tiftix għaż-Żejt, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2.1. Il-post ta' *Scientific Officer (Geologist)* għandu salarju ta' Lm5,235 fis-sena li jiżdied b'Lm175 kull sena sa massimu ta' Lm6,285 (Skala Nru. 10). Persuna fil-grad ta' *Scientific Officer (Geologist)* titla' fi Skala 9 (Lm5,551 x 192 - Lm6,703) wara sentejn ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Scientific Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Scientific Officer* fi Skala 8 (Lm5,903 x 209 – Lm7,157) soġġett għal servizz sodisfaċenti wara li tagħmel għaxar snin servizz fil-grad ta' *Scientific Officer* jew

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Scientific Officer (Geologist) in the Oil Exploration Department, Office of the Prime Minister

The Public Service Commission invites applications for the post of Scientific Officer (Geologist) in the Oil Exploration Department, Office of the Prime Minister.

2.1. The salary for the post of Scientific Officer (Geologist) is Lm 5,235 per annum rising by annual increments of Lm175 to a maximum of Lm6,285 (Scale 10). A Scientific Officer (Geologist) will be placed in Salary Scale 9 (Lm5,551 x 195 - Lm6,703) on completion of two years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Scientific Officer will be promoted to the grade of Senior Scientific Officer in Scale 8 (Lm5,903 x 209 – Lm7,157) on completion of ten years service in the grade of Scientific Officer or eight years if in possession of a

tmien snin jekk ikollha xi kwalifika xierqa ta' wara l-gradwazzjoni. Pesuna fil-grad ta' *Senior Scientific Officer* titpoġġa fi Skala 7 (Lm6,284 x 228 – Lm7,652) wara sentejn servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

3. Din il-ħatra, li hija bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fid-Dipartiment tat-Tiftix għaż-Żejt b'mod partikulari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Scientific Officer (Geologist),* huma:

a) tkun preżenti waqt it-tħaffir għaż-żejt;

b) tintegra informazzjoni dwar il-bjar taż-żejt mal-ġeoloġija ta' madwar Malta;

ċ) tieħu ħsieb l-attivitajiet ġeoloġiċi magħmula mill-kumpaniji taż-żejt;

d) tgħin lill-Gvern fi problemi ta' natura ġeoloġika li jinqalgħu minn żmien għal żmien;

e) iżżomm kuntatt fil-qrib ma' l-*exploration geophysicist;*

f) tkun responsabbli għaż-żamma tal-kampjuni meħuda mill-bjar taż-żejt;

ġ) iżżomm kuntatt fil-qrib ma' uffiċjali ta' kumpaniji ta' l-esplorazzjoni taż-żejt;

ħ) tieħu sehem sħiħ waqt il-promozzjoni għat-tħaffir għaż-żejt.

5. Biex ikunu eliġibbli, l-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom *first degree* fil-Ġeoloġija jew fl-*Earth Sciences* bi speċjalizzazzjoni fil-Ġeoloġija minn Università rikonoxxuta;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb. (L-applikanti li huma diġà impjegati mal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra is-Servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mingħand il-Pulizija mhux aktar minn sitt xhur qabel din is-sejħa għall-applikazzjonijiet u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern, u jagħtu dettalji).

6.1. Jiġu kkunsidrati wkoll applikazzjonijiet mingħand kandidati li mhumiex ċittadini ta' Malta iżda li jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra msemmija f'paragrafu 5.

recognised and appropriate post graduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Scientific Officer will progress to Scale 7 (Lm6,284 x 228 – Lm7,652) on completion of two years service in the grade subject to satisfactory performance.

3. The appointment which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and conditions governing from time to time the Malta Public Service in general and the Oil Exploration Department in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of Scientific Officer (Geologist) include:

a) well siting during drilling;

b) integration of well data with surrounding areas;

c) supervising oil company's geological activities;

d) assisting Government in any local geological problems that rise from time to time;

e) liasing with the exploration geophysicist;

f) custody of well cores and samples;

g) liasing with exploration company officials;

h) participate in promotional activities for oil exploration.

5. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a first Degree in Geology or Earth Sciences with specialisation in Geology from a recognised University;

(c) of good moral character. (Applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the service must produce a police certificate of conduct issued not more than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6.1. Applications will also be considered from candidates who are not citizens of Malta but who satisfy the other conditions of paragraph 5.

L-applikanti taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati għall-impjieg b'kuntratt għal sena li jista' jiġi mġedded soġġett għal servizz sodisfaċenti jekk ma jinstabux applikanti biżżejjed li jikkwalifikaw taħt paragrafu 5.

Applicants under this paragraph will only be considered for employment on a one year contract, renewable thereafter subject to satisfactory performance if there are not enough suitable candidates who qualify under paragraph 5.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji tad-dokumenti għandhom jiġu ppreżentati ma' l-applikazzjoni, l-oriġinali għandhom jiġu ppreżentati għall-verifika waqt l-intervista).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the application, originals to be produced for verification at the interview).

8. L-applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' Għażla fejn ikunu eżaminati dwar kemm huma adatti għal dan il-post.

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

9. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

10. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-esperjenza u l-kwalifiki, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tat-Tiftix għaż-Żejt, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta CMR 02 mhux aktar tard minnofsinhar tal-Ġimgħa, 29 ta' Awissu 2003.

10. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director, Oil Exploration Department, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta, CMR 02 by not later than noon of Friday, 29th August 2003.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Dipartiment tat-Tiftix għaż-Żejt, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Personnel Section, Oil Exploration Department, Office of the Prime Minister.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ simili iehor sad-data ta' l-għeluq, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi huwa +356-21 248015).

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Oil Exploration Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving department is 21 248015.)

13. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sad-Dipartment.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (Oil Exploration Department) and a receipt given in hand at the time of delivery.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur tad-Dipartiment tat-Tiftix għaż-Żejt jibgħat irċevuta bil-posta għal dawn l-applikazzjonijiet fi żmien sebat (7) ijiem.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged in writing by the Director, Oil Exploration Department, Office of the Prime Minister within seven (7) days.

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Policy Officer* fis-Servizz Pubbliku

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Policy Officer* fis-Servizz Pubbliku.

2.1. Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Policy Officers,* liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Policy Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi huma jżommu il-grad sustantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuni magħżula ma jkunux Uffiċjali Pubbliċi, is-servizz tagħhom mas-Servizz Pubbliku jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi, u matul il-perjodu tal-kuntratt, jinħatru fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 9, huma jkunu meħtieġa li jirrinunzjaw id-doveri ta' *Policy Officer* u jkunu trasferiti għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħhom. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuni magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 9 permezz ta' *progression*, il-persuni jitħallew ikomplu l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħhom kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbaghad ma jiġux offruti tiġdid tal-kuntratt.

3.1. Is-salarju għal din il- pożizzjoni huwa ekwivalenti għal Skala tas-Salarju 10 fis-Servizz Pubbliku, li jkun ta' Lm5,235 li jiżdied b'*increments* ta' Lm175 kull sena sa Lm6,285 fis-sena. F'każ li l-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħhom u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2. Persuni magħżula jitilgħu fi skala 9 fit-tielet sena, jekk jiġi aċċertat li dawn qdew dmirijiethom b'mod sodisfaċenti u b'riżultati pożittivi.

4. Persuna maħtura bħala *Policy Officer*, tkun mistenija li:-

(a) taqdi dmirijiet relatati ma' materji ta' *policy* u ta' ġbir ta' informazzjoni;

(b) tipparteċipa f'xogħol ta' riċerka;

(ċ) tipparteċipa fit-tħejjija ta' rapporti u dokumenti oħra skond ma jkun hemm bżonn;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Policy Officer in the Public Service

The Public Service Commission invites applications for positions of Policy Officer in the Public Service.

2.1. Selected candidates will be expected to enter into a three-year performance contract as Policy Officers which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as a Policy Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidates are public officers they will retain their substantive grade during the contractual period and will revert to their substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidates are not public officers, their service with the Public Service will be terminated in the event that their contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidates are Public Officers and, during the contract period, are appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 9, they will be required to relinquish the duties of Policy Officer and be transferred to duties pertinent to their new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officers becomes higher than the maximum of Salary Scale 9 through progression, they will be allowed to complete their term of engagement as provided by the contract in force at the time, but they will not be offered a subsequent renewal of the contract.

3.1. The salary attached to this position is equivalent to Salary Scale 10 within the Public Service, that is Lm5,235 per annum rising by annual increments of Lm175 up to a maximum of Lm6,285. In the case that the selected applicants are Public Officers, the difference between the salary to which the selected officers are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2. Selected applicants will progress to scale 9 in the third year, subject to satisfactory performance and positive results.

4. A Policy Officer is expected to:-

a) perform duties related to policy matters and the compilation of data;

b) participate in research work;

c) be involved in the drawing up of reports and other documents as may be required;

(d) taqdi dmirijiet amministrattivi u koordinattivi;

(e) tassigura li l-implementazzjoni tal-proġetti assenjati tkun xierqa u żżomm kuntatti b'mod regolari mad-Direttur u/jew awtoritajiet oħrajn kompetenti; u

(f) tipparteċipa u tgħin fl-organizzazzjoni ta' konferenzi/laqgħat/korsijiet/*seminars* u *fora*, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, li jaqgħu fil-qasam tal-kompetenza tagħha.

5. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini Maltin;

(b) ikollhom *first degree* rikonoxxut jew l-approvazzjoni ta' l-Università li kkwalifikaw għal dan il-grad. Fil-każ ta' dawk il-kandidati li għadhom ma ngħatawx id-*degree*, dawn ikunu meħtieġa juru evidenza sodisfaċenti mill-Università konċernata li fil-fatt huma ġew approvati mill-Università għall-għotja tad-*degree*;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb; (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formula (GP 47) *Service and Leave Record Form*; applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

6. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

9. Persuni magħżula jistgħu jkun meħtieġa li jattendu korsijiet f'Malta jew barra minn Malta.

10. Persuni magħżula li jsiefru biex jagħmlu korsijiet jintrabtu bil-kundizzjonijiet relevanti skond il-*Public Service Management Code*.

11. Id-Direttur Ġenerali, *Management and Personnel Office* primarjament jilqa' l-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae,* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenzja, mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, 29 ta' Awissu 2003.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.m/resourcing/downloads.htm

d) carry out administrative and co-ordinative duties;

e) ensure proper implementation of assigned projects and liaise regularly with the Director and/or other competent authorities; and

f) participate, and assist in conferences/meetings/courses/seminars for a logistics, local or abroad, falling within the officer's activities.

5. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a recognised first degree or have been approved by the University for the award of the degree. In the case of those candidates who have not yet been formally awarded a degree, these would be expected to produce satisfactory evidence from the University concerned that they have been approved by the University for the award of the degree;

(c) of good moral character; (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

9. Selected applicants may be required to attend courses in Malta or abroad.

10. Selected applicants proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

11. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General, Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, Castille, Valletta, by not later than noon of Friday, 29th August 2003.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.m/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mill-Uffiċju tad-Direttur Ġenerali, *Management and Personnel Officer,* Berġa ta' Kastilja, Valletta CMR 02.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, *Management and Personnel Office* mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa 00356-2122 0753).

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Ġenerali, *Management and Personnel Office* għal kull applikazzjoni li titwassal f'dan l-Uffiċċju.

15. (b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-1 ta' Awissu, 2003

or obtained from the Director General, Management an Personnel Office, Auberge de Castille, Valletta CMR 02.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director General, Management and Personnel Office by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is 00356-2122 0753).

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Management and Personnel Office and a receipt given in hand at the time of delivery.

15. (b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Management and Personnel Office within seven (7) days.

1st August, 2003

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami għad-Dħul fil-Ġrad ta' *Principal* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2003

L-Aġent Direttur u l-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li se jsir eżami kompetittiv biex jimtlew postijiet ta' *Principal* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta. Il-post għandu salarju fis-sena ta' Lm5,235 li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm175 sa massimu ta' Lm6,285 fis-sena (Skala tas-Salarju 10).

2. Persuna fil-grad ta' *Prinċipal* titla' għal skali ta' salarju ogħla suġġett għal servizz sodisfaċenti.

3. In-nomina, li hija soġġetta għal perijodu bi prova ta' sentejn (2), hija fuq bażi *full-time* u hija soġġetta għar-regoli u regolamenti li jiggvernaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta u wieħed jista' jiġi trasferit skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' uffiċjal fil-Grad ta' *Principal* jinkludu:–

(a) l-amministrazzjoni ta' taqsimiet żgħar ta' Dipartiment jew Ministeru;

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examination for Entry into the Grade of Principal in the Malta Public Service - 2003

The Acting Director of Examinations and Board of Local Public Examinations notify that a competitive public examination will be held for the filling of posts of Principal in the Malta Public Service. The post carries an annual salary of Lm5,235 rising by annual increments of Lm175 to a maximum of Lm6,285 per annum (Salary Scale 10).

2. A Principal will move to higher salary scales subject to satisfactory performance.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of two (2) years, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of an officer in the Grade of Principal include:–

(a) the administration of small units of a Department or Ministry;

(b) l-implimentazzjoni tal-*policy* u tad-direttivi tat-*top management*;

(ċ) ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni u direttivi li għandhom x'jaqsmu mal-ġurisdizzjoni tat-taqsima;

(d) il-kontroll u eżaminar ta' programmi ta' ħidma, organizzazzjoni, sistemi u proċedura;

(e) it-tħejjija ta' rapporti u proposti li għandhom x'jaqsmu ma' żvilupp ta' *policy*, programmi dipartimentali u problemi amministrattivi.

5. (i) Sad-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (il-Ġimgħa, id-29 ta' Awissu, 2003) il-kandidati għandhom:–

JEW

(a) ikollhom grad Universitarju rikonoxxut jew l-approvazzjoni ta' l-Università li kkwalifikaw għal dan il-grad. Fil-każ ta' dawk il-kandidati li għadhom ma ngħatawx id-*Degree*, dawn ikunu meħtieġa juru evidenza sodisfaċenti mill-Università konċernata li fil-fatt huma ġew approvati mill-Università għall-għotja tad-*Degree*.

JEW

(b) ikunu impjegati tal-Gvern li jkollhom ħatra fil-grad ta' *Assistant Principal* jew *Executive Officer*. Fil-każ ta' *Executive Officers*, dawn iridu jkunu temmew ħames snin servizz fil-Grad sad-data ta' l-għeluq li fiha jistgħu jintlaqgħu l-applikazzjonijiet.

(ii) Il-kandidati li għadhom mhumiex impjegati regolari tal-Gvern għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta (l-applikanti għandhom jippreżentaw il-Karta ta' Identità uffiċjali tagħhom flimkien ma' fotokopja tagħha ma' l-applikazzjoni);

(b) ikunu ta' karattru morali tajjeb (għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija, FORM A, maħruġ fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-għeluq ta' meta jintlaqgħu l-applikazzjonijiet);

(ċ) jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern u jagħtu d-dettalji.

(iii) Kandidati li huma diġà impjegati regolari mal-Gvern għandhom jippreżentaw l-aħħar *Service and Leave Record form* (GP 47).

(b) the implementation of policy and directives of top management;

(c) a responsibility for the implementation of legislation and directives relating to the jurisdiction of the unit;

(d) the monitoring and review of performance schedules, organisation, systems and procedures;

(e) the preparation of reports and proposals in connection with the development of policy, departmental programmes and administrative problems.

5. (i) By the closing date of this call for applications (Friday, 29th August, 2003) candidates must :-

EITHER

(a) be in possession of a recognised University Degree or have been approved by the University for the award of the Degree. In the case of those candidates who have not yet been formally awarded a Degree, these would be expected to produce satisfactory evidence from the University concerned that they have been approved by the University for the award of the Degree.

OR

(b) be Government employees holding an appointment in the Grade of Assistant Principal or Executive Officer. In the case of Executive Officers, they must have completed five years service in the Grade by the closing date for the receipt of applications.

(ii) Candidates who are not already regular Government employees must:–

(a) be citizens of Malta (applicants are to produce their official Identity Card and a photocopy thereof together with their application);

(b) be of good moral character (a Police certificate of conduct, FORM A, issued within six months prior to the closing date of applications should be provided);

(c) state whether they have ever been in Government Service, giving details.

(iii) Candidates who are already regular Government employees must produce an up-to-date Service and Leave Record form (GP 47).

6. Il-kwalifiki li wieħed ikollu għandhom jintwerew b'ċertifikati. Għandhom jiġu ppreżentati t-*transcripts* tad-*degrees* u fotokopji tagħhom flimkien ma' l-applikazzjoni.

7. *Degrees* u/jew ċertifikati minn universitajiet barranin u istituzzjonijiet oħra ta' l-edukazzjoni terzjarja huma aċċettati kemm-il darba jitqiesu bħala ekwivalenti miċ-Ċentru Malti għar-Rikonoxximent ta' Kwalifiki u Informazzjoni fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Il-kandidati għandhom jippreżentaw dawn iċ-ċertifikati u fotokopji tagħhom, ma' l-applikazzjoni.

8. Il-kandidati jinżammu personalment responsabbli għall-ġenwinità taċ-ċertifikati li jiġu preżentati u d-dikjarazzjonijiet li jsiru. Kull irregolarità f'dan ir-rigward tiskwalifika awtomatikament lill-kandidat u dan ikun jista' jitressaq il-Qorti jew tittieħed xi azzjoni dixxiplinarja kontrih.

9. L-eżami jitmexxa minn *panel* ta' eżaminaturi taħt id-direzzjoni tal-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

10. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jitratta b'mod sommarju ma' kull kandidat li waqt li jkun qed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur ta' l-istruzzjonijiet maħruġa biex jimxu fuqhom il-kandidati.

11. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari ta' l-eżami.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, Floriana jew, miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, jew direttament minn fuq il-*website* tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni fuq www.doi.gov.mt/EN/employment_opp.default.asp jew mill-*website* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet fuq www.exams.gov.mt/umaint/prinapplic.doc mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

13. Applikazzjonijiet (dawk biss ammissibbli) biex wieħed joqgħod għall-eżami, flimkien ma' dritt ta' l-eżami ta' Lm4, jintlaqgħu fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana, u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, mit-Tnejn, il-25 ta' Awissu, 2003 sa nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Awissu, 2003, bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m.

14. L-eżami jkun jikkonsisti f'eżami bil-miktub fl-Ewwel Parti u intervista fit-Tieni Parti, it-tnejn huma obbligatorji.

6. Qualifications claimed must be supported by certificates. Transcripts of degrees and photocopies thereof must be presented with the application.

7. Degrees and/or certificates awarded by foreign Universities and other tertiary education institutions are acceptable provided they are validated by the Malta Qualifications Recognition Information Centre, within the Ministry of Education. Candidates are to present with their application any such certificates of validation (together with a photocopy thereof).

8. Candidates will be held personally responsible for the genuineness of the certificates presented and declarations made. Any irregularity in this regard will automatically disqualify a candidate and render him/her liable to Court or any appropriate disciplinary action.

9. The examination shall be conducted by a panel of examiners under the direction of the Board of Local Public Examinations.

10. The Board of Local Public Examinations shall have power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or of any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

11. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the examination.

